# Bil-ħsieb li tinbena knisja ġdida għall-Kolleġġjata ta' S. Elena Birkirkara.

**Rev. Can. Chev. Vincenzo Buhagiar.**

Il-Knisja tal-Parroċċa ta' Birkirkara nbniet fl-inħawi 'l bogħod mill-abitant, eżattament fil-parti ta' l-Imrieħel fin-nofs in-nhar ta' Birkirkara. Biex tmur għaliha trid taqsam il-Wied; u dan kien inkonvenjent serju. Il-poplu kien jilmenta fuq daqshekk, avolja kellu waħda mill-isbaħ knejjes ta' Malta. Din il-knisja dedikata lit-Tlugħ fis-sema tal-Verġni Marija, ġiet imfassla mill-perit Vittorio Cassar u mtellgħa minn Tumas Dingli. Din il-Knisja ħadet żmien twil biex telgħet, nistgħu ngħidu mill-1606 sa l-1655 meta tlestiet il-koppla. Hija magħrufa għall-prospettivi sbieħ li għandha f'kull artal, u aktar u aktar meta ġġib quddiem għajnejk li kollox kien indurat u mżejjen bi kwadri mill-isbaħ. L-isbaħ żewġ prospettivi huma dawk ta' l-artal tar-Rużarju li saret l-ewwel, imbagħad dik tal-Kurċifiss li saret żmien wara l-oħra. Kollox ma' kollox il-knisja hija ġojjel tal-arti Maltija bi skultura mill-art sal-koppla.

Kienet fl-aqwa tagħha meta l-isqof Fra Ġakbu Cannaves (1713 - 1721) ra din il-knisja parrokkjali tal-Kolleġġjata ta' S. Elena fl-1716 u ma sabx x'imaqdrilha. Kollox kien f'postu u għall-ordni kemm fil-bini kif ukoll fit-treġija tagħha. Hu ħallilha deskrizzjoni sabiħa tagħha. Il-kanoniċi kienu disgħa u l-Prepostu kien Dun Ġakbu Galea J.U.D. waqt li l-Arċipriet Dun Ġwann Battista Xicluna kellu l-kuġitur tiegħu Dun Albertu de Gabriele J.U.D. Il-parroċċa kienet moqdija sewwa minn ħmistax il-qassis u numru mhux żgħir ta' kjeriċi. Barra l-konfraternità tas-SSmu Sagram,ent u tar-Rużarju, kienhemm is-Sodalità tal-Agunija, it-Terz'Ordni tal-Karmnu u ta' S. Duminku.

Fil-31 ta' Ottubru 1716 l-Isqof qagħad jirrifletti fuq il-qagħda spiritwali tal-poplu ta' Birkirkara u għaraf l-inkonvenjenza kbira tal-poplu biex jersaq lejn il-knisja tal-parroċċa tiegħu billi din kienet tinsab f'post imwarrab 'il bogħod mill-qabda tan-nies, għax Dun Filippu Borg, li kien l-ewwel rettur tagħha u li wara laħaq Prepostu tal-Kolleġġjata ta' S. Elena f'din il-knisja, bniha hemm kontra x-xewqa u r-rieda tal-poplu (V.P. Cannaves 1716).

Wara li l-Isqof ħasibha sewwa, u ra li minħabba 'l bogħod in-nies tal-pajjiż ma kienux jattendu għall-għasar ma tul il-ġimgħa u kienu ftit dawk li jmorru għall-għosrien nhar ta' Ħadd u fil-ġranet ta' preċett. Kif ukoll dawk avanzati fl-età ma kienux u la jmorru jisimgħu quddiem u anqas il-priedki ta' l-Arċipriet. Dawn il-priedki kellhom forma ta' katekiżmu. Minħabba dawn

il-motivi u oħrajn l-Isqof wissa u talab lill-poplu biex isib xi mezz ħalli tinbena knisja fil-qalba tar-raħal, akbar minn dik li kellhom u b'forma li tixbah lill-Kolleġġjata ta' Għawdex, kbira biżżejjed biex tasa' poplu kollu u tkun f'post fejn tista' tintlaħaq minn kulħadd. Il-ħsieb ta' l-Isqof kien li n-nies tal-pajjiż ikollhom faċilità kbira li jersqu lejn il-knisja jisimgħu l-kelma t'Alla, jirbħu l-indulġenzi waqt li jinvistaw l-artali tagħha, jattendu għall-għasar ta' fil-għaxija għall-inqas fil-ġranet tal-Ħadd u tal-festi. B'hekk il-poplu jersaq ta' spiss biex jirċievi l-Ġesù fit-Tqarbina Mqaddsa. Fit-2 ta' Jannar tas-Sena ta' wara l-Arċipriet D. Ġwann Battista Xicluna u ż-żewġ prokuraturi tal-knisja marru għand l-Isqof u wrewh li l-poplu ta' Birkirkara ddeċieda li jibni knisja ġdida fil-qalba tar-raħal, bħal dik tal-Kolleġġjata ta' Għawdex; u għalhekk huma talbu l-permess lill-awtorità Ekklesjastika biex tippermittilhom jiġbru l-fondi meħtieġa billi kull minirid minn rajh iwiegħed li jagħti xi somma flus żgħira jew kbira u jagħtiha fiż-żmien imwiegħed taħt ġurament. Għaliex kienu ħafna dawk in-nies li ħasbuha li jagħtu somma flus, imma b'ċerti rati. Din l-għotja dejjem għamluha taħt kondizzjoni waħda i.e. li tinbena knisja ġdida ġewwa r-raħal. Wara li l-Isqof sema' t-talba tagħhom ordna lill-Kanċillier li kellu waqt il-viżta pastorali f'Birkirkara biex imur hu personalment f'Birkirkara u jiġbor il-firem tal-persuni li wegħdu l-għajnuna finanzjarja u li kienu lesti jħallsuhom. Dawn kollha tniżżlu fl-istess atti tal-viżta pastorali waħda, waħda, biex l-Isqof ikun żgur li din l-opra tkun tista' titwettaq.

Għaddew tlett snin u fit-2 ta' Frar 1720 l-Arċipriet Xicluna kien ħerqan li kemm jista' jkun malajr tinġabar is-somma meħtieġa u jinbeda x-xogħol. Hu ħaseb u xtaq li l-knisja l-ġdida tinbena fil-kwartier tal-knisja ta' Sant'Antnin u Santa Katerina, jew almenu f'xi post l-aktar viċin tagħha ġewwa Birkirkara. Għal din ir-raġuni minn jeddu, għall-akbar ġieħ t'Alla u biex id-devozzjoni u l-qima jikbru, offra d-dħul tiegħu kollu ta' għaxar snin u li jibda jħallas minn Settembru i.e. sebgħa xhur wara l-wegħda li għamel. Żamm f'idejħ pensjoni ta' tnejn u tmenin skud billi ħamsin minnhom kellhom jgħaddu lill-Kapitlu u t-tnejn u tletin l-oħra biex jagħtihom kull sena lil Dun Franġisk Benigno. L-Arċipriet irrinunzja għad-drittijiet tiegħu u ħallihom f'idejn il-prokuraturi tal-knisja parrokkjali tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara favur il-bini tal-Knisja l-ġdida. Barra minn dan huwa ried ukoll li fil-każ li Dun Benin imut qabel, dik il-pensjoni tmur għall-bini tal-knisja sa ma jgħalqu l-għaxar snin. Għal din ir-raġuni l-istess kuġitur tal-Arċipriet Dun Albert Gabriele Scicluna qagħad għax-xewqa tal-Arċipriet u ta l-kunsens tiegħu taħt ġurament. Għal kull għotja ta' flus kien hemm żewġ xhieda. Għal tal-Arċipriet dawn kienu Dun Anton Gatt u Dun Ruġġier Grixti, it-tnejn Kanonċi tal-Kolleġġjata ta' S. Elena.

L-isbah offerti mwiegħda li saru u li kellhom jitwettqu fi żmien stabbilit kienu ġejjin mill-Kanoniċi tal-Kolleġġjata l-qadima u mill-qassisin tal-parroċċa. Dawn kollha kellhom l-istess ħsieb ewlieni; dak li l-knisja l-ġdida tinbena fil-qalba ta' Birkirkara (V.P. Cannaves 1716: "Ad effectus novae Ecclesiae Parochialis Collegiate Ecclesiae extruendae intus oppidum Bercarcaren") Difatti ninnotaw espressjoni li tidher f'kull kuntratt ta' wegħda biex tinbena knisja ġdida f'nofs Birkirkara. Il-formula tal-wegħda kienet timtela għal kull benefattur li jwiegħed xi ħaġa ġeneralment sommȧ flus u tgħid hekk; "Minn jeddi, hawn preżenti għall-akbar glorja t'Alla u b'sinjal ta' qima u rispett biex tissaħħaħ u tiżdied il-liturġija, noffri... u nwiegħed li nagħti għall-bini tal-knisja l-ġdida. li għandha tinbena ġewwa Birkirkara u nħallas f'waqtu dak li wiegħed b'ġurament quddiem ix-xhieda ...." Barra dawn in-nies tal-knisja kien hemm ħafna sekulari li offrew somom kbar ta' flus. Mhux possibbli li nsemmuhom kollha imma se nġib xi wħud: Kan. Antonio Gatt offra ħamsin skud u ħamsa u għoxrin uqijaa pg.; Kan Tumas Borgius: 50 skund; Kan Ruġġier Grixti, Kan. Giovanni Muscat, Kan Salvu Borgius, Dun Ġużepp Sammut, Dun P. Pawl Michallef u Dun Ġużepp Michallef offrew 100 skud kull wieħed.

Dun Ġużepp Michallef kien wieħed mill-iktar li nsista biex tinġabar is-somma meħtieġa. Dun Albertu Gabriele Scicluna, Dun Beneditt Ciantar, Dun Sebastian Gabrieli, Dun Ġużepp Zammit, DunKarlu Felice offrew 50 skud kull wieħed. Fost is-sekolari nsemmu lil Gakbu Chetcuti, Ġorġ Michallef, Duminku Zammit, Suor Natalizja Michallef, Duminku Borg, l-imgħallem Wenzu Zammit, in-nutar Giovanni ßGrech, Duminku Borg, Suor Grazzjulla Vassallo, armla tan-nutar Beneditt li offrew 100 skud kull wieħed. Wieħed speċjali fosthom; Fabrizju Recupero bin il-mejjet Antonio offra 225 skud. Numru kbir ta' sekolari wegħdu s-somma bejn għaxra u ħamsin skud. In-numru tal-benefatturi li isimhom jidher li kkontribwew fis-7, 14, 21 u 24 ta' Frar 1717 u fit-23 ta' Diċembru 1718 huwa ta' 146. JNiġifieri f'ħames darbiet inġabret is-somma ta' 3682 skud barra dak li offra l-Arċipriet, ix-xogħol u materjal ieħor. F'dan l-intervall il-prepostu Dun Ġakbu Galea, ir-raba' u l-aħħar wieħed fil-knisja il-qadima, marid u xiħ ta' tnejn u tmenin sena miet fis-27 ta' Awissu 1717. Kellu jkun ta' warajh, Dun Ġużepp Gaspare Vassallo, Protonotarju Apostoliku u Karkariż li ra titbierek din il-knisja l-ġdida mill-Isqof Fra Pawlu Alpheran de Bussan fl-1745.

Il-qawl Taljan, "Parole si, fatti no," (ħafna kliem u għemil xejn) ma japplikax għan-nies ta' Birkirkara għax dawn għalkemm ma rawx ix-xogħol tal-knisja jinbeda, kellhom tama qawwija li l-isforzi tagħhom li jiġbru l-flus meħtieġa kienu jqawwulhom qalbhom li xewqithom se sseħħ. Allura assiguraw dak

li kien meħtieġ; u l-opra qaddisa seħħet. Tawna knisja kbira spazjuża u komda li żgur għamlet unur lill-arkittettura Maltija u swiet għal għan li għalih inbniet. Illum il-ġurnata l-knisja tal-Parroċċa tal-Kolleġġjata hlja sabiħa waħidha u isbaħ bl-opri kbar ta' valur li jżejnuha.

Kellu jintgħażel il-post preċiż fejnkellha titla' din il-knisja. Il-Ħadd, 18 ta' Lulju 1717, l-Isqof ta' Malta, Mons Cannaves, xewqan li jara l-poplu ta' Birkirkara aktar moqdi b'inqas diffikultà u ma jibqax nieqes mill-ġid spiritwali minħabba l-bogħod li kellu għall-knisja u għar-raġunijiet oħra, ried kemm jista' jkun malajr jibda l-bini tal-knisja l-ġdida ġewwa Birkirkara b'mod li tkun moderna u akbar mill-qadima l-Isqof kien mgħobbi b'ħafna xogħol ieħor urġenti, ddeċieda li dak in-nhar stess hu personalment jiġi f'Birkirkara u millknisja l-qadima, milqugħ mill-Kapitlu u Kleru fost id-daqq ta' l-orgni u talqniepen, il-kanonku Antikwijur (Dekan) newillu l-asperges, billi kemm il-Prepostu kif ukoll l-Arċipriet, it-tnejn kienu irtirati imħabba l-mard.

Rikeb il-parilja u wasal sal-knisja filjali ta' Santa Katerina ta' Lixandra. Din il-knisja kienet f'nofs ir-raħal. Hawn l-Isqof kellem l-imgħallem tax-xogħolijiet tal-Ordni ta' S. Ġwann, Franġisku Zerafa u tah l-inkarigu li jara tistax tinbena hemmhekk il-knsija l-ġdida tal-parroċċa tal-Kolleġġjata. L-imgħallem Zerafa ta' r-relazzjoni tiegħu lill-Isqof bil-kliem biss fejn qallu li kien possibbli u ħaġa tajba li l-knisja tinbena flok dik ta' Santa Katerina. B'moħħu mistrieħ l-isqof flimkien mal-Kanċillier telaq lura lejn il-palazz tiegħu fil-Belt.

Ma għaddiex żmien wisq meta wasal f'widnejnl-isqof li bini ta' knisja bħal dik huwa moralment impossibbli, u tassew diffiċli. Kien jeħtieġ spazju kbir għaliha u għalhekk kien hemm bżonn li jinxtara tista' tgħid il-kwartier kollu madwar dik il-knisja filjali; ħaġa li kienet wisq diffiċli anzi impossibbli għar-raġuni li n-nies li joqgħodu f'dawk l-inħawi ma jsibux dar oħra fejn igħixu f'Birkirkara; barra minn hekk meta tkun ix-xita minn ħdejn il-knisja ta' Santa Katerina jgħaddi wied ta' ilma u għalhekk il-knisja l-ġdida ssofri ħsara mill-umdità. Fuq kollox knisja ġdida tista tiġi mibnija bi spiża anqas fil-post fejn tinsab il-knisja l-oħra filjali tal-Lunzjata tal-Verġni Marija, li tinsab ftit passi bogħod minn dik ta' Santa Katerina ta' Lixandra.

Dawn ir-raġunijiet kollha ġew imressqa quddiem l-isqof biex jaħsibha tajjeb. L-isqof ikkonsidrahom sewwa u bla telf ta' żmien qabbad il-prinċipal talperiti; Giovanni Barbara li kien inkarigat mill-bini tax-xogħolijiet tal-Ordni ta' San Ġwann biex jagħżel l-aħjar post għall-knisja tal-Parroċċa tal-Kolleġġjata.

L-idea li l-knisja titla' flok tal-Lunzjata, magħrufa bħala 'Il-knisja tal-lunzjata tal-Bur ta' Xennu' kienet ibbażata fuq il-parir u r-relazzjoni li l-perit Giovanni Barbara ta lill-Isqof. B'hekk il-kwestjoni tal-għażla tal-post inqatgħet fl-iqsar żmien. Bdew jinxtraw id-djar u l-ġonna ta' madwar il-Lunzjata, twaqqa' l-bini u ġiet ippjanata l-knisja l-ġdida, li llum bl-għajnuna t'Alla u bil-ġenerożita tal-poplu tagħna b'kuraġġ u determinazzjoni illum narawha tiddomina. Għalhekk il-kwadru ritratt tal-Arċipriet G.B. Xicluna, li għal żmien twil kien imdendel fiċ-ċentru tas-sagristija, kellu l-post jixraqlu għax nistgħu nsejħu lil dan is-saċerdot il-missier li bil-ħidma tiegħu u l-għajnuna li ta għandna din il-knisja majestuża. Dan il-kwadru llum jinsab fis-sala tal-Kapitlu.

**3 ta' Mejju 1987**




MANUEL'S

AUTO PARTS & ACCESSORIES

**All Kinds of Door & Car Keys Cut While You Wait**

*35c, Mannarino Road,*

*Birkirkara*

**Tel: 443773**

**MOLINEUX HOUSE**

**FOR DRAPERIES, FENTS**

**AND FURNISHINGS**

Wignacourt Street, Birkirkara

Tel: 441563

(OFF MANNARINO ROAD)